MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.
GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru. 138/96
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**David Calleja ta' 30 sena bin Sandro u Rose nee` McOlgem li joqghod 'Camilleri Flats', Flat 6, Off Xwejni Raod, Marsalforn l/o Zebbug, Ghawdex
u
Michelle Testa ta' 22 sena bint Paul u Cecilia nee Spiteri li toqghod 'Camilleri Flats', Flat 6, Off Xwejni Raod, Marsalforn l/o Zebbug, Ghawdex.
(Karta ta' l-Identita` Nru 32474 M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli fl-4 ta' Mejju 1996 ghall-habta tas-1:30a.m. bhala persuni responsabbli mit-tmexxija tal-hanut tax-xorb 'Creek' li qieghed f'Rabat Road, Marsalforn, (1) ghamluha ta'

'substitutes' fl-imsemmi hanut minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija, (2) zammew l-imsemmi hanut miftuh aktar mill-hin stipulat li hemm fil-licenzja b'hekk gie li zammew il-hanut miftuh minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (3) daqqew muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (4) daqqew muzika wara l-11:00p.m., (5) zammew fil-hanut imsemmi magna tal-loghob ta' l-azzard u ta' l-interessi, (6) zammew l-istess magna li tista' tintuza bil-ksur ta' l-artikolu 5 ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-1998 meta l-laghaba jkollhom jitfghu fil-magna munita ta' valur aktar minn ghaxar centezmi sabiex isir il-loghob.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex minbarra l-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-magna u l-flus esebiti.

Semghet il-provi inkluz ir-relazzjoni tal-perit tekniku kif ukoll ir-relazzjoni addizzjonali tieghu;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel akkuza, dan ma jammontax ghal rejat u kwindi tilliberahom mill-istess l-ewwel akkuza;

Dwar it-tieni akkuza, peress illi din ma tirreferi ghall-ebda wiehed mill-imputati tilliberahom minnha;

Dwar it-tielet u r-raba akkuza, peress illi tirrizulta ssibhom hatja;

Dwar il-hames u s-sitt akkuza, il-provi huma lampanti u ma hemmx dubbju li l-magna hija wahda ta' l-azzard. Izda jrid jinghad illi l-imputat Calleja gibed l-attenzjoni tal-Qorti li din si tratta ta' gambling machine meta l-espert tekniku rrelata mod iehor. Huwa spjega inoltre illi kien jaf biha minhabba l-esperjenza li kellu meta kien jahdem ma' min jissupplixxi dawn il-magni u spjega wkoll illi qatt ma uza l-magna ghax induna mill-ewwel.

Il-Qorti thoss illi l-verzjoni ta' l-imputat Calleja hija kredibbli, tenut kont ta' kif zvolgew il-fatti.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibhomx hatja tal-hames u s-sitt akkuzi u tilliberahom minnhom.

Rat l-artikolu 182 tal-Kap 10;

Tikkundannahom ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tielet akkuza u ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq ir-raba akkuza kull wiehed.

Inoltre ai termini ta’ l-artikolu 23 tal-Kap 9 tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-magna esebita formalment.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur